DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/88/KE

tat-30 ta' Lulju 2009

li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi t-thiacloprid bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Renju Unit fl-20 ta' Frar 2006 rċieva applikazzjoni minn Lanxess Deutschland GmbH, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE, biex is-sustanza attiva thiacloprid tiddaħħal fl-Anness I jew IA tagħha għall-użu fi prodotti tat-tip 8, preservattivi tal-injam, kif definiti fl-Anness V għad-Direttiva 98/8/KE. It-thiacloprid ma kienx fis-suq fid-data msemmija fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 98/8/KE bħala sustanza attiva fi prodott bijoċidali.

(2) Wara li wettaq valutazzjoni, ir-Renju Unit fit-3 ta' Lulju 2007 ressaq lill-Kummissjoni rapport tal-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni.

(3) Ir-rapport tal-awtorità kompetenti kien eżaminat mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali fit-28 ta' Mejju 2008, u r-riżultati ta' dan l-eżami ġew inkorporati f'rapport ta' valutazzjoni.

(4) Mill-eżamijiet li saru, jidher li l-prodotti bijoċidali użati bħala preservattivi tal-injam u li fihom it-thiacloprid jistgħu jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE. Għaldaqstant huwa f'loku li t-thiacloprid jiddaħħal fl-Anness I.

(5) Madankollu, ġew identifikati riskji mhux aċċettabbli għat-trattament *in situ* ta' strutturi tal-injam qrib l-ilma, fejn ma jkunx possibbli li ma jithalliex iseħħ xi rilaxx fil-kompartiment akkwatiku. Għaldaqstant ma għandhomx jingħataw awtorizzazzjonijiet għal dawn l-użi sakemm ma tkunx tressqet dejta biex turi li l-prodotti jistgħu jintużaw mingħajr riskji mhux aċċettabbli għall-ambjent.

(6) L-użi potenzjali mhux kollha ġew evalwati fil-livell Komunitarju. Għaldaqstant huwa f'loku li l-Istati Membri jivvalutaw dawk ir-riskji għall-kompartimenti u l-popolazzjonijiet li għadhom ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskju Komunitarja, u li, meta jkunu qed jagħtu awtorizzazzjonijiet tal-prodotti, jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi biex itaffu r-riskji identifikati għal livelli aċċettabbli.

(7) Fid-dawl tar-riżultati tar-rapport ta' valutazzjoni, huwa f'loku li, għall-prodotti li fihom it-thiacloprid u li jintużaw bħala preservattivi tal-injam, ikun hemm l-esiġenza li jittieħdu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju fil-livell tal-awtorizzazzjoni tal-prodott, biex jiġi żgurat li r-riskji jitnaqqsu għal livell aċċettabbli skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE u l-Anness VI għaliha. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri adegwati biex jipproteġu l-kompartiment tal-ħamrija u dak akkwatiku, minħabba li matul il-valutazzjoni ġew identifikati riskji mhux aċċettabbli għal dawn il-kompartimenti. Prodotti maħsuba għall-użu industrijali u/jew professjonali għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv adegwat jekk ir-riskju identifikat għall-utenti industrijali u/jew professjonali ma jkunx jista' jitnaqqas b'mezzi oħra.

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiddaħħal fl-Anness I, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva.

(9) Id-Direttiva 98/8/KE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

(10) Il-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali ġie kkonsultat fit-30 ta' Mejju 2008 u ta opinjoni pożittiva dwar l-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni li temenda l-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi it-thiacloprid bħala sustanza attiva. Fil-11 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ressqet l-abbozz imsemmi għall-iskrutinju tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Il-Parlament ma opponiex l-abbozz ta' miżuri fl-iskadenza stabbilita. Il-Kunsill oppona l-adozzjoni mill-Kummissjoni, bl-indikazzjoni li l-miżuri proposti kienu jmorru lil hinn mill-poteri ta' implimentazzjoni pprovduti fid-Direttiva 1998/8/KE. B'konsegwenza ta' dan, il-Kunsill ma adottax il-miżuri abbozzati u ressaq abbozz emendat tad-Direttiva kkonċernata quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali. Il-Kumitat Permanenti ġie kkonsultat fuq l-abbozz imsemmi fl-20 ta' Frar 2009.

(11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE huwa emendat skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-entrata li ġejja 'Nru 18' għandha tiddaħħal fl-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE:

Nru	Isem Komuni	Isem IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Purezza minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidali kif imqiegħed fis-suq	Data tal-inklużjoni	Skadenza sa meta għandha tiġi ddeterminata l-konformità mal-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li fihom iktar minn sustanza attiva waħda li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipulata fl-aħħar deċiżjoni minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom)	Data ta' skadenza tal-inklużjoni	Tip ta' prodott	Dispożizzjonijiet speċifiċi (*)
"18	Thiacloprid	(Z)-3-(6-chloro-3-pyridylmethyl)-1,3-thiazolidin-2-ylidenecyanamide Nru tal-KE: mhux applikabbli Nru tal-CAS: 111988-49-9	975 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2010.	mhux applikabbli	fil-31 ta' Diċembru 2019.	8	Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi evalwata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jevalwaw, meta rilevanti għall-prodott partikolari, dawk ix-xenarji ta' użu u/jew esponiment u/jew popolazzjonijiet li għalihom ma ġewx indirizzati fil-valutazzjoni fuq livell Komunitarju u li jistgħu jiġu esposti għall-prodott. Meta jagħtu awtorizzazzjoni għall-prodott, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskji u sussegwenteent jiżguraw li jittieħdu miżuri adegwati jew li jkunu imposti kundizzjonijiet speċifiċi biex jittaffew ir-riskji identifikati. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti jistgħu jingħataw biss meta l-applikazzjoni turi li r-riskji jistgħu jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Fid-dawl tal-preżunzjonijiet li saru waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali adegwat sakemm ma jkunx jista' jintwera fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott li r-riskju għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli b'mezzi oħra; (2) Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartiment tal-ħamrija u dak akkwatiku, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B'mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għarimi;

Nru	Isem Komuni	Isem IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Purezza minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidali kif imqiegħed fis-suq	Data tal-inklużjoni	Skadenza sa meta għandha tiġi ddeterminata l-konformità mal-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li fihom iktar minn sustanza attiva waħda li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipulata fl-aħħar deċiżjoni minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom)	Data ta' skadenza tal-inklużjoni	Tip ta' prodott	Dispożizzjonijiet speċifiċi (*)
								(3) Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta' njam ħdejn l-ilma, fejn rilaxxi diretti fil-kompartiment akkwatiku ma jkunux jistgħu jiġu pprevenuti, jew għal injam li se jkun f'kuntatt mal-ilma tal-wiċċ, sakemm ma tkunx tressqet dejta li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5 u tal-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa tat-taffija tar-riskji."

(*) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni tal-Anness VI, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta' valutazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm